

# In-Negozjant Nicholas John Aspinall, ibnu James u l-Politika f'Raħal Ġdid fis-Seklu 19

**Studju ta' Dr Simon Mercieca**
B.A.,B.A.(Hons),M.A.,D.E.A.(Sorb.),Ph.D.(Sorb.)



Forsi llum ftit jafu, li Raħal Ġdid kien minn ta' quddiem li nvolva ruħu fil-politika sa mill-bidu tagħha. Il-politika kif nafuha llum taf l-oriġini tagħha għas-snin tletin tas-seklu dsatax. Kien eżattament meta l-Maltin bdew jitolbu għall-aktar drittijiet mingħand il-mexxejja politiċi tagħhom, li naraw l-bidu ta' dik li llum hija s-sistema politika magħmula minn żewġ partiti politiċi ewlenin. Pietro Paolo Castagna kien l-ewwel persuna li nduna bid-direzzjoni li l-politika Maltija kienet sejra tieħu. Castagna jinnota li l-ġlidiet u l-kontroversji tal-Maltin tas-snin tletin tas-seklu dsatax biex jakkwistaw aktar drittijiet waslu biex qasmu l-poplu fi tnejn, jew aħjar ġew iffurmati żewġ gruppi ta' mexxejja u b'hekk Malta, ġa fis-snin tletin tas-seklu dsatax spiċċat b'żewġ partiti. Dan għaliex fi żmien il-Gvernatur Ponsonby, il-Maltin kienu rrabbjati għal mod kif kien qed jaġixxi s-segretarju tiegħu Hankey. Għalhekk nhar it-18 ta' Lulju 1832, grupp ta' Maltin magħmul minn Dr. G. Bruno, is-Sur R. Rocco u l-avvukat P. Sciortino ppreżentaw petizzjoni lill-Kuruna Ingliża. Dawn kienu pjuttost kompjaċenti mal-mexxejja Ingliżi tant li ħallew il-petizzjoni tagħhom tkun modifikata minn Hankey innifsu. Min-naħa l-oħra, grupp ieħor ta' Maltin ma qablux ma' dan. Dan il-grupp kien magħmul mill-Baruni Camillo Sciberras, Dr. Arcangelo Pullicino, Dr. G. Spiteri u n-negozjant Giorgio Mitrovich. Dawn ippreżentaw petizzjoni oħra. Prattikament, iż-żewġ petizzjonijiet kienu qed jitolbu għall-istess affarijiet jiġifieri, ir-riforma tal-qrati u tal-kodiċi tal-liġijiet, sistema gudizzjarja aħjar, li jonqsu d-dazzji, tingħata l-libertà tal-istampa, isiru riformi fil-penzjonijiet u biex is-sistema sanitarja ssir aħjar, isiru riformi fil-qasam agrikolu u fl-edukazzjoni, jitwaqqaf Kunsill Nazzjonali u jkun imħares il-kummerċ liberu.


Pietro Paolo Castagna

Dawn it-talbiet kellhom l-effett tagħhom għaliex fl-1 ta' Mejju 1835, permezz ta' proklama, il-Gvern Kolonjali kkonċeda lil Malta t-twaqqif ta' dak li baqa' magħruf bħala l-ewwel Kunsill tal-Gvern. Dan kien magħmul minn seba' min-nies, taħt il-presidenza tal-Gvernatur jew tal-aġent tiegħu. Kull min kien ipoġġi fuq dan il-kunsill kien magħżul mill-istess Gvernatur. Hu kien maqsum bejn erba' membri uffiċjali u tlieta oħra mhux uffiċjali.

## L-erba' membri uffiċjali kienu

a) l-isqof tal-Gżira li f'dak iż-żmien kien Franġisku Saverju Caruana iżda qatt ma attenda jew ħa postu fuq dan il-kunsill.



Franġisku Sav Caruana



Henry Balneavis



John Stoddart

b) il-ġeneral tat-truppi, il-Kurunell Henry Balneavis
c) il-kap tal-Ġustizzja Sir John Stoddart
d) Is-Segretarju tal-Gvern Sir Frederick Hankey

## Il-membri mhux uffiċjali kienu

e) Ġentlom Malti li kien il-baruni Ġużeppi Maria De Piro.
f) in-negozjant Malti Agostino Portelli
g) in-negozjant Ingliż li kien Nicholas John Aspinall.



Ġużeppi Maria Depiro

Kien hemm segretarju tal-kunsill li kien l-aġent segretarju ta' Hankey innifsu, W. Sim.

Ftit iżda jafu li wieħed minn dawn il-membri magħżula biex ipoġġi fuq il-Kunsill, Nicholas John Aspinall, lejn l-aħħar ta' ħajtu, telaq mill-Belt Valletta u ġie jgħammar f'Raħal Ġdid bil-familja kollha. B'hekk persuna li kienet ġiet toqgħod f'dan ir-raħal tagħna, kienet membru ta' dan l-ewwel kunsill tal-Gvern. Dan juri u jikkonferma kemm dan il-post żgħir, il-barra mit-Tlitt Ibliet beda jilqa' fi ħdanu nies distinti li għenu lil dan il-post biex jakkwista l-identità distinta tiegħu li għandu llum.

Il-proklama li permezz tagħha kien ġie appuntat Nicholas John Aspinall bħal membru mhux uffiċjali fuq dan il-kunsill iddefinit u bħala "*uno dei Principali Negozianti dell'Isola*". F'dan il-kuntest, il-Gvernatur ma kienx qiegħed jesaġera. Aspinall kien bena xibka ta' kummerċ li saħansitra kienet taqsam l-Atlantiku għax kien anke f'kommunikazzjoni ma' kummerċjanti Amerikani, bħalma kien il-kummerċjant William Hunter Oswald, li n-negozju tiegħu kien ġabu f'Malta u fl-Italja minn Philadelphia fl-Istati Uniti.

Għalhekk hu kien l-għażla naturali biex ikun magħżul mill-istess Gvernatur ħalli jkun il-vuċi tan-negozjanti Ingliżi fil-gżira. Aspinall u kważi l-membri kollha l-oħra ta' dan il-kunsill, jerġgħu jiġu kkonfermati fil-pożizzjoni tagħhom mill-Gvernatur ta' wara, Sir Henry Frederick Bouverie fl-1 ta' Jannar 1841.

Hu baqa' jservi fuq dan il-kunsill sal-1849, jiġifieri, sakemm il-kunċett ta' membri mhux uffiċjali nbidel permezz tal-kostituzzjoni l-ġdida u dawn bdew ikunu eletti. B'hekk

il-membri mhux uffiċjali tilfu posthom fuq il-kunsill. Kemm dam f'din il-kariga, Nicholas John Aspinall, kien qed ikun indirizzat bħala "onorabile".

B'hekk l-użu tal-kelma onorevoli fil-Malti, b'referenza għal membri parlamentari, bdiet tintuża għall-ewwel darba ma' dawn il-membri ta' dan il-kunsill. Meta Nicholas ma baqax aktar membru tiegħu, bħalma għadu jiġri sal-lum, hu ma baqax jiġi indirizzat bħala "onorabile'.

Hilda I. Lee ġġudikat ix-xogħol ta' kull membru ta' dan il-kunsill u li tiegħu Aspinall kien jagħmel parti kif ġej, igifieri dawn il-membri

*"were to hold office only during pleasure." They could be suspended for absence or incapacity or any "just cause," and in suspending them the Governor need only represent his reasons to the Secretary of State. They could "enjoy freedom of debate and vote in all affairs of public concern," a doubtful pleasure when limited to questions introduced only by the Governor. At most the members could suggest motions for discussion but only in writing to the Governor. If a majority in the Council did rise against him, Ponsonby was empowered to act in opposition to them if he saw sufficient cause, by virtue of the authority vested in him by his Commission and initial instructions. The Secretary of State made it clear that the Governor was to use this final authority only under extreme circumstances. Nevertheless, he always possessed that final authority; an authority moreover which was safeguarded, for the Governor was not to propose or assent to any Ordinance in Council which was in any way "repugnant" to this Commission; so he was prevented from acting on his own initiative in restricting the fundamental basis of his authority. Ponsonby, Bouverie and Stuart, therefore, all retained the essentials of that autocracy with which Sir Thomas Maitland had been invested in 1813".*

Iżda kif juri Patrick Steins, it-tliet membri li ma kinux jirrappreżentaw direttament l-interessi imperjali, jiġifieri kemm il-Barun De Piro, li kien qed jirrappreżenta s-sidien tal-artijiet, Agostino Portelli li kien qed jirrappreżenta l-interessi tal-kummerċjant Malti u Aspinall, li kif rajna ġie magħżul biex jirrappreżenta l-interessi ta' kummerċjanti Inglizi, xorta waħda kellhom għal qalbhom l-interess tal-Maltin u kien hemm sitwazzjonijiet fejn użaw il-pożizzjoni tagħhom favur il-poplu Malti. B'vuċi waħda tkellmu kontra l-lobby ta' ċertu kummerċjanti Ingliżi ġewwa Londra u l-pressjoni li huma kienu qed jagħmlu fuq l-Uffiċċju tal-Kolonji Ingliżi, li kien id-dipartiment f'Londra li minnu il-Gvern Ingliż kien jamministra l-kolonji tiegħu, fosthom Malta. Dawn il-merkanti Ingliżi kellhom ħbieb b'saħħithom fin-negozju fil-gżira tagħna u bdew jagħmlu pressjoni fuq is-Segretarju tal-Kolonji, Lord Glenelg, ħalli l-Gvern Kolonjali f'Malta jirtira mis-suq tax-xiri tal-qamħ. Sa dik il-ħabta, ix-xiri tal-qmuħ kien għadu rregolat mill-gvern lokali u l-gvern kien partner jekk mhux ukoll ix-xerrej prinċipali tiegħu. Finalment fl-1836 ittieħdet id-deċiżjoni mill-Uffiċċju Kolonjali biex il-Gvern f'Malta jirtira mix-xiri tal-qamħ u anki jbiegħ ir-riservi tiegħu. Meta ttieħdet din id-deċiżjoni, it-tliet membri mhux uffiċjali, jiġifieri De Piro, Portelli u Aspinall ma kinux ġew ikkunsultati. Huma xorta għamlu oppożizzjoni iżda l-Gvernatur impona d-deċiżjoni tiegħu anke jekk l-opinjoni pubblika f'Malta kienet kontra din it-tneħħija ta' din is-sistema għaliex kienet qed isservi biex tissussidja x-xiri tal-qamħ. Għalhekk deċiżjoni bħal din kienet ser iġġib magħha aktar faqar minħabba li l-maġġoranza tal-popolazzjoni ta' dik il-ħabta kienet tixba' biss bil-ħobż.

Din in-nota biografika turi kemm kien ta' profil għoli dan Aspinall. Hu kien wieħed mill-ewwel nies importanti barranin li ser jiġu joqogħdu f'Raħal Ġdid fis-seklu 19, waqt li

fetaħ il-bibien biex aktar nies, ta' livell soċjali għoli bdew ifittxu, il-lokalità ta' dan ir-raħal bħala residenza tagħhom.

Nicholas John Aspinall twieled nhar it-28 ta' April 1786 ġewwa Birmingham l-Ingilterra. Hu kien jappartjeni għall-familja ta' Clitheroe minn Lancashire. Wara li ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Ingilterra u fil-Ġermanja ġie joqgħod f'Malta fl-1811 u daħal fin-negozju. Hu żżewweġ lil Maria Anna Galizia, nhar it-22 ta' Novembru 1818 u ż-żwieġ sar fil-parroċċa ta' San Pawl il-Belt. Il-familja baqgħet tgħix fil-konfini tal-parroċċa ta' San Pawl, f'dar numru 7, ġewwa Triq Merkanti. Il-familja kellha numru ta' ulied, fosthom, James, Giulia u John. John twieled nhar 18 ta' Lulju 1837.


Raħal Ġdid fis-seklu dsatax. Fuq jidher il-bini fejn illum jinsab il-Każin De Paule


Id-dar ta' Aspinall illum fi Triq Tarxien

Nicholas John Aspinall ġie bil-familja b'kollox f'*Casal Paula* fl-1852. Is-sena eżatta ta' meta Nicholas John Aspinall ġie joqgħod f'Raħal Ġdid hija kkonfermata mill-listi elettorali. Fis-sena 1849, Malta ngħatat l-ewwel kostituzzjoni tagħha li permezz tagħha l-Gvernatur ta' dik il-ħabta, Sir Richard Moore O'Ferrall, kabbar il-kunsill tal-gvern għal tmintax-il membru, bi tmienja minnhom kellhom jiġu eletti waqt li l-oħrajn jibqgħu jkunu appuntati direttament mill-Gvernatur. Dan wassal biex ta' kull sena l-Gvern beda jippubblika r-reġistri elettorali skont id-distretti. F'dik il-ħabta, il-Gvern kien jippubblika żewġ listi elettorali fis-sena fil-gazzetta tal-Gvern, bl-ewwel waħda tkun segwita minn oħra ftit ġimgħat wara b'oħra. Fis-sena 1852 ġew ippubblikati żewġ listi. L-ewwel lista ġiet ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern tal-Erbgħa 21 ta' April 1852, iżda ma kienx fiha kuljom Aspinall. Izda mbagħad insibuh inkluż fil-lista li ħarget fil-gazzetta tal-Gvern tat-Tlieta 5 ta' Ottubru 1852.

Nicholas John Aspinall baqa' jgħix f'din id-dar sakemm miet ta' 71 sena u ġie midfun nhar 21 ta' January 1857.

L-att tal-mewt jagħtih bħala li kien joqgħod Ħal Tarxien peress, li dak iż-żmien, Raħal Ġdid ma kienx għadu parroċċa apparti u allura min kien imut f'dan ir-raħal kien jiġi xorta mogħti li kien qed joqgħod Ħal Tarxien, iżda f'dik li kienet konfini ta' distretti elettorali, din il-parti ta' fejn kienet tinsab id-dar tagħhom kienet tagħmel ma' *Casal Paula*.

Il-listi elettorali jagħtu t-triq eżatta fejn din il-familja kienet marret toqgħod jiġifieri fi Strada Tarxien, ġewwa *Casal Paula*. Eżattament, il-familja marret toqgħod ġo dar kbira, li llum hija parti mill-parroċċa u l-konfini ta' Ħal Tarxien, jiġifieri dik id-dar, li kienet isservi

ta' Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Tarxien u għandha żewġ kolonni kbar mal-faċċata. Fuq kollox, ir-reġistru elettorali ta' 1862 'il quddiem jibdew jagħtina n-numru tad-dar, jiġifieri numru 6.


Il-Palazz Lampoda fi Triq Tarxien biswit id-dar ta' Aspinal

Dan l-istudju juri li f'dan il-perjodu, (u anke matul il-perjodu tal-Kavalieri ta' San Ġwann) din il-parti ta' Ħal Tarxien kienet titqies mill-istat u n-nies inġenerali bħala parti mill-konfini ta' Raħal Ġdid. In-nies li kienu jgħixu f'din l-akkwata kienu rreġistrati bħala li qed joqogħdu fil-konfini ta' Raħal Ġdid. Hawn irid jingħad, li sa dak iż-żmien ma kienx għad hemm l-ebda problema ta' konfini. Għall-Knisja Kattolika, din il-parti tat-territorju, bħat-territorju kollu ta' Raħal Ġdid, kienet parti mill-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Iżda l-problemi fuq il-konfini ma jdumux ma jinqalgħu u ser iwasslu għal dawmien biex Raħal Ġdid jitwaqqaf parroċċa għalih. In fatti, kien biss grazzi għall-kompromess li kien intlaħaq bejn il-Kurja u l-Kappillan ta' Ħal Tarxien, Dun Gian Felic Attard, fejn dan tal-aħħar aċċetta li Raħal Ġdid isir parroċċa u b'rikompens kien tkabbar il-konfini territorjali ta' Ħal Tarxien, jiġifieri f'Ħal Tarxien ġew annessi partijiet li sa dak il-perjodu, kienu rikonoxxuti minn kulħadd bħala parti minn *Casal Paula*. Dan kien jinkludi fost l-oħrajn iż-żona kollha minn fejn l-iskola Primarja ta' Raħal Ġdid sa fejn jinsab dan il-palazz ta' Aspinall bdiet titqies bħala parti minn Ħal Tarxien. Wieħed jissuspetta li kien wara li ntlaħaq dan il-ftehim, li l-kappillan Attard aċċetta biex Raħal Ġdid isir parroċċa għalih. B'hekk grazzi għal dan il-kompress inbiddlu l-konfini storiċi ta' bejn Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Dawn il-konfini parrokkjali ġodda spiċċaw affettwaw anke l-futuri konfini elettorali u issa dawk tal-Kunsilli Lokali. It-twaqqif tal-Kunsilli lokali segwew ġustament, b'linja ġenerali, il-konfini parrokkjali esistenti bejn dawn iż-żewġ parroċċi.


Waqt il-bini tal-mina biex tgħaqqad Raħal Ġdid mal-kottonera fil-bidu tas-seklu Għoxrin mibnija mill-Gvern Ingliż biex tgħin ukoll l-aċċess għad-Dockyard

Ma' Nicholas Aspinall ġew joqgħod Raħal Ġdid, flimkien ma' martu, Maria Anna, iż-żewġ subien tiegħu, James u John kif ukoll it-tifla Giulia. John kien iż-żgħir fost l-oħrajn. Dawn it-tlitt itfal baqgħu jgħixu f'dan il-palazz għal numru ta' snin. James jibda jidher minnufih, flimkien ma' missieru fil-listi ta' elettori sa mis-sena 1852. John insibuh imniżżel għall-ewwel darba fil-lista elettorali tas-sena 1859. Dan ifisser li kien għalaq il-21 sena, l-età li f'dak iż-żmien kienet tintitula raġel, li kellu dħul jew art biex ikun jista' jivvota. Iżda John mhux ser idum fil-lista tal-votanti ta' Raħal Ġdid. Hu daħal jaħdem f'pożizzjoni għolja fil-

H.M. Dockyard f'Novembru tal-1860. Fis-27 ta' dak l-istess xahar, iżżewweġ lil Nicolina Theresa Giulia, li kienet tiġi t-tieni tifla ta' Dr. Pietro Paolo Gulia, li kien ġentlom minn Bormla u wieħed mill-aktar tobba importanti li kien hemm f'din il-belt. Gavino u Nicolina marru joqogħdu ġewwa Bormla, fi Strada Marina, numru 56, b'hekk John kien qrib il-post tax-xogħol tiegħu waqt li martu baqgħet tgħix fost niesha. Oħtu Giulia, tiżżewweġ lil hu Nicolina Teresa, it-tabib Gavino Gulia, nhar il-5 ta' Frar 1861. Gavino u Giulia wkoll marru joqogħdu f'Bormla, eżattament ġewwa dar numru 20D, Strada Concezione, Bormla.

Min-naħa l-oħra, James baqa' jidher fir-reġistri elettorali fid-dar ta' Triq Ħal Tarxien. Ismu nibqgħu nsibuh f'kull lista elettorali sal-1873.

Hu miet f'din id-dar, fl-1874 u ġie midfun fil-knisja ta' Ħal Tarxien waqt li din id-dar baqgħet magħrufa sal-lum bħala d-Dar ta' Aspinall.



Il-Knisja ta' Santa Ubaldesca fis-seklu dsatax qabel ġiet imkabbra

Bħal missieru, James kien ukoll attiv fis-soċjetà Maltija ta' żmienu u nsibuh jipprommovi l-ekonomija agrarja għal Malta. Hu kien wieħed minn dawk li ħadmu biex titwaqqaf dik li llum hija magħrufa bħala Society of Arts, Manufactures and Commerce. Din is-soċjetà twaqqfet fl-1852 u f'dik il-ħabta, din is-soċjetà kienet magħrufa bħala Società Economica-Agraria. Il-Gvernatur ta' wara Moore O'Farrell, Sir William Reid, ried li din is-soċjetà tkun magħmula minn President u ħames membri ta' Kumitat. Il-Gvernatur poġġa lill-Baruni Calcedonio Azopardi bħala l-president tagħha waqt li bħala membri, apponta lil John Grant, Dr. Ferdinand Caruana Dingli, Antonio Schembri, Rev. Paolo Pullicino, u James Aspinall. Reid anke ried li l-membri ta' din is-soċjetà jagħmlu kummissjoni ta' esperti fil-qasam tal-agrikultura biex jintrodoċu metodi ġodda u makkinarju ġdid agrikolu, biex b'hekk l-qasam agrarju Malti jsir aktar dinamiku u intraprendenti. Saħansitra kien daħħal premjijiet ta' flus għall-aħjar bdiewa li jirnexxu f'dan il-qasam.



Dehra rari tal-Pjazza ta' Raħal Ġdid fi żmien l-Ingliżi

Fuq kollox fl-1853, Reid ried li din is-soċjetà tibda torganizza esebizzjoni agrarja fil-Buskett. Min-naħa tagħha, is-Società Economica-Agraria għażlet lir-Rev. Dr P. Pullicino bħala president, James Aspinall bħala segretarju, John Grant bħala tezorier u lill-Baruni Cav. V. Azopardi, Prof. Ferdinando Caruana Dingli, Dr Felice Calleja, Vincenzo Lapira, Gius. Gauci Azzopardi u Antonio Schembri u dawn organizzaw l-ewwel wirja agrarja. F'Awwissu tal-1853 ġie approvat il-programm ta' ħidma u James Aspinall kien ħa ħsieb l-istampar tiegħu. Huwa kellu wkoll ir-responsabilità li jinkoraġġixxi lill-bdiewa biex joħorġu b'invenzjonijiet ġodda u jużaw għodod moderni fir-raba tagħhom li kienu tajbin għat-tip ta' art li għandna f'Malta. L-ewwel wirja kienet saret 29 ta' Ġunju 1854.



Raħal Ġdid lejn il-bidu tas-seklu għoxrin bil-Pjazza bis-siġar mal-ġnub u l-Knisja qed tinbena



L-armata kif tidher mill-Pjazza li llum intilfet

Il-preżenza tax-xatt ta' Kordin u t-tkabbir tiegħu għall-użu mill-flotta merkantili matul l-ewwel nofs tas-seklu dsatax beda jagħmel minn Raħal Ġdid post imfittex min-negozjanti Inglizi, biex b'hekk ikunu qed joqogħdu f'dar komda u mhux bogħod mill-post tax-xogħol tagħhom.

Fuq kollox il-preżenza ta' din il-familja u l-identifikazzjoni tagħha mar-residenza fejn hija kienet toqgħod wasslet biex iċċarat l-konfini storiċi u sekulari li kellha *Casal Paula* u li dawn kienu għadhom jeżistu sat-tmiem is-seklu dsatax iżda mbagħad inbiddlu meta Raħal Ġdid sar viċi-parroċċa u eventwalment parroċċa fl-1910. Il-konfini reliġjużi ma segwewx dawk sekulari tal-istat. Min-naħa tiegħu, l-istat addotta l-konfini reliġjużi u baqa' jagħmel hekk sa żmienna, tant li dawn il-konfini storiċi ta' *Casal Paula* llum intesew għalkollox.